# Il-Ħadd 05.04.2015

1. Illum 05/04, **l-Għid il-Kbir**:
   - F'ismi, f'isem is-saċerdoti li qed jgħinnu fil-parroċċa, u f'isem il-Kunsill Pastorali Parrokkjali nagħtikom l-**Għid it-Tajjeb**, u nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod kienu involuti fl-organizzazzjoni ta' dawn il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid, li jirrikjedu ħafna xogħol mill-qalb u b'mod volontarju. Wasslu l-awgurju tagħna lill-familjari u l-qraba kollha.
   - Il-ħin tal-Quddies ikun:-
     - Fis-7.45am - Quddiesa
     - Fit-8:15am - Quddiesa bis-sehem tat-tfal.
     - Fid-9:00am - It-Tberik tal-Figolli fuq iz-Zuntier.<br>Wara jsir it-Tberik tal-Każin San Pawl, u tal-Każin PN.
     - Fl-10:00am - Quddies<br>Wara jsir it-Tberik tal-Każin PL, Kunsill Lokali,<br>u l-Kunvent tas-Sorijiet.
     - Fis-6:00pm - Quddiesa bit-Talba tal-Għasar.

2. Il-Ħadd 12/04, **it-Tieni Ħadd tal-Għid - Ħadd il-Ħniena Divina**:
   - Fil-5:00pm - Adorazzjoni;
   - Fil-6:00pm - Quddiesa.

3. Mit-Tnejn 13/04 jibda it-Tberik fil-Familji. Segwu il-programm fuq il-fuljett 'Flimkien':
   - It-Tberik jibda għall-4:30pm.
   - Mhux il-każ li tlestu ikel jew xorb.
   - Aktar milli d-dar u l-għamara, ta' min jara li l-membri kollha tal-familja jkunu preżenti u fi spirtu ta' ġabra adatt għall-mument ta' talb.
   - Biex ħadd ma jistenna bla bżonn, iż-żjara u t-tberik l-aħjar li jdum massimu ta' 10 minuti.
   - Jekk xi ħadd ikun jixtieq ikellem lill-kappillan/saċerdot aktar fit-tul, tiddejjaqx titlob appuntament ieħor, barra mill-ħin tat-tberik.
   - Jekk xi ħadd ma jkunx jista' meta indikat, tajjeb li jikkuntattja lill-kappillan biex jinstab jum u ħin alternattiv.
   - Jekk ser tagħtu xi donazzjoni, kunu afu li biha ser tkunu qed tgħinnu fir-Restawr ta' San Pawl u fil-manutenzjoni tal-knisja.

4. Avviżi oħra:
   - Fuq in-Noticeboards tal-Knisja hemm id-dettalji tal-Korsijiet ta' Kana li ser ikunu organizzati f'diversi parroċċi bejn April u Ġunju. Il-koppji għarajjes mitlubin jieħdu nota.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 190 mill-Karus ta' Mħabba li ġie ppreżentat mit-Tfal tad-Duttrina;
   - € 60 mill-lotterija tal-Għid b'risq dan il-għan;
   - € 10 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.

6. Nitolbu għal Pawlu Busuttil li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa. Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...